# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum id-29 t'Ottubru 2020**

Appell numru 180 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Marcel CUTAJAR u**
**Stephen CASALETTO**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 t'April 2018 fil-konfront ta' **Marcel CUTAJAR (K. I. 492265M) u Stephen CASALETTO (K.I. 27670M)** fejn ġew mixlija talli f'dawn il-Gżejjer, fil-11 ta' Settembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, in rappreżentanza tas-soċjeta CC Training Limited, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni kontestata lilhom u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberathom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat ieħor fi żmien sena kif ukoll ikkundannathom għall-ħlas tal-ispejjeż peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

3. Illi Marcel CUTAJAR u Stephen CASALETTO appellaw minn din is-sentenza fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberahom minn kull ħtija u piena.

4. Fi ftit kliem l-appellanti jikkontendu li :

   i. L-elementi tar-reat kontestat lilhom skond l-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali ma kienx japplika u dan peress illi t-tender in kwistjoni ma kienx maħsub għall-awtorita' pubblika iżda kienu maħsuba u sottomessi wara sejħa għall-offerti mill-MCAST li mhix awtorita' pubblika.
   ii. Huma kellhom jiġu illiberati peress illi m'għamlu l-ebda dikjarazzjoni falza. Dan għar-raġunijiet segwenti :
       - Għal dak li jirrigwarda l-aċċessibilta t-tender ma speċifikax terminu sa meta din l-aċċessibilta' għandha tiġi pprovduta u dan peress li fl-istadju tas-sottomissjonijiet kien jonqos biss illi l-appellanti jinstallaw rampa fissa li diġà kellhom il-permess għaliha. Imkien fid-dokument tat-tender ma ġie

ddikjarat illi l-fond in kwisjtoni kien aċċessibbli fil-ġurnata li tefa' l-offerta; u dan minbarra l-fatt li (fl-instructions to tederers for service contracts) ma kien hemm l-ebda referenza għal żmien meta tali rampa kellha tkun installata. Apparti dan huma setgħu jipprovdu rampa temporanja tal-injam sakemm issir waħda fissa.

- Rigward il-klassijiet huma ddikjaraw illi kien ser ikollhom disponibbli l-ħames PC labs u ż-żewġ Lecture Style Labs u iżda mkien ma ddikjaraw illi huma kienu koperti bil-permessi o meno. In oltre ma setgħu qatt jiġu imputati b'dikjarazzjonijiet ta' dak li seta' jiġri fil-futur. Huma kellhom il-permessi maħruġa mill-MEPA għar-rigward tat-*tuition* u dan skond ir-rekwiżiti tat-tender.
- Finalment il-Qorti tal-Maġistrati daħlet ukoll fl-analiżi tar-rapport bejn id-daqs tal-lift u d-dimensjonijiet *wheelchair* bl-argument ikun li wheelchair bilkemm kien jidħol mill-bieb tal-lift minħabba li dan kien ftit usa minn *wheelchair*. Din il-kwistjoni tqajmet unikament mill-Qorti u saret b'referenza għar-rapport tal-Perit Tekniku Richard Aquilina. Da parti tiegħu, dan straħ biss fuq Linji Gwida u mhux fuq il-liġi. B'hekk il-Qorti ma setgħetx tqis li saret dikjarazzjoni falza da parti tal-appellati in kwantu mkien ma tressqet prova dwar daqs ta' *wheelchair*.

iii. Finalment il-*mens rea* meħtieġa biex jiġi integrat dan ir-reat kienet nieqsa f'dan il-każ u b'hekk ma setgħetx tirriżulta ħtija fil-konfront tagħhom.

***Ikkunsidrat***

5. Illi nhar l-1 ta' Ottubru 2008 kien sar rapport mill-Onorevoli Evarist Bartolo fejn kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga dwar il-ħruġ ta' tender illi kien inħareġ mill-*Malta College for Arts, Science and Technology (MCAST)* sabiex jiġu ingaġġati *ICT Training Centres* biex jipprovdu sħarriġ għal madwar 600 student. L-Onorevoli Bartolo kien allega diversi irregolaritajiet da parti tal-*Adjudicating Board* u allega illi wieħed mill-membri tal-kumitat ta' selezzjoni kien *ex business partner* ta' wieħed mill-appellanti li kienu *bidders*, kif ukoll li huwa kien juża l-binja tal-appellanti biex jagħmel hu stess *training* f'isem l-*MCAST* allavolja dawn ma kienux liċenzjati għal dan il-għan.

6. Di piu' ċ-*Chairman* tas-*Selection Committee* f'ebda mod ma intervjena biex iwaqqaf dan l-abbuż. In oltre qatt ma saru l-verifiċi mill-Kumitat tad-dikjarazzjonijiet li l-*bidders* kienu qegħdin jagħmlu. Fil-każ in eżami kien hemm tliet tenders maħruġa mill-*MCAST*. Kien hemm 4 *bidders* għal tnejn minnhom u ħamsa għall-oħra fejn l-appellanti kienu kkompetew għal kull waħda minn dawn it-tenders.

7. Irriżulta illi fost il-kriterji tat-tender l-applikanti kellhom jiddikjaraw jekk is-sit offrut minnhom kienx aċċessibbli għal

persuni b'diżabilta'. L-appellanti ddikjaraw li s-sit tagħhom kien aċċessibbli għal persuni b'diżabbilta'.

8. Konsegwentement, peress illi kien hemm allegazzjoni ta' dikjarazzjonijiet foloz, il-Pulizija kkonduċew *site inspections* fejn dehrilhom illi l-appellanti ma kellhomx dan l-aċċess għal persuni f'diżabilta', minkejja dak li kienu stqarrew fl-applikazzjoni tagħhom.

9. Apparti dan irriżultalhom ukoll illi l-appellanti kienu għamlu dikjarazzjoni li ma kienetx vera dwar in-numru ta' klassijiet illi kellhom a disposizzjoni tagħhom sabiex minnhom ikunu jistgħu jsiru l-*lectures* in kwistjoni. L-appellanti, f'kull tender, iddikjaraw illi kellhom ħames *PC labs* u żewġ *lecture style labs* imma filfatt fuq il-post instab li kellhom biss erba' *lecture rooms*.

10. Konsegwentement il-Pulizija dehrilhom li kienu jirriżultaw dikjarazzjoniet foloz u l-appellanti tresqu l-Qorti. Wara li l-Qorti tal-Maġistrati semgħet il-provi kollha miġjuba kontra tagħha kienet tal-fehma illi għandha tinstab ħtija fil-konfront tal-appellanti tal-unika mputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

***Ikkunsidrat***

11. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-

sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

12. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

13. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

14. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

15. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

16. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

17. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

18. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

19. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

20. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

21. Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din l-evidenza twassalha għal konklużjoni ta' ħtija fuq il-bażi taċ-ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema proċedurali Ingliż. Taħt din il-Liġi huwa meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat. Jekk id-

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

Difiża jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni dwar l-argument tal-Prosekuzzjoni (kemm bis-saħħa ta' provi li jwasslu sal-grad tal-probabbli, jew billi tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess) allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

22. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

23. Dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali huwa msejjah mill-Imħallef William Harding bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

24. Illi l-Liġi qabel xejn tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja*** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

***Ikkunsidrat***

27. Illi l-appellanti jinstabu akkużati unikament bir-reat taħt l-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali illi jinqara kif ġej:

> 188.(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew beneficċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:
>
> Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.

28.Illi skont din id-disposizzjoni m'hemmx għalfejn li l-vantaġġ in kwistjoni jkun ġie akkwistat mill-aġent biex ir-reat jiġi integrat. Huwa biżżejjed jekk min ikun għamel din id-dikjarazzjoni falza, jagħmel dan bit-tir illi jikseb dan il-beneficċju għalih jew potenzjalment anki għall-ħaddieħor.[7] Biex ir-reat iseħħ irid ikun hemm ix-xjenza ta' min ikun għamel din id-dikjarazzjoni li dak li jkun mistqarr minnu jkun filfatt falz jew inveritier.

***Ikkunsidrat***

29.Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-appellanti. Mid-dokumenti u x-xiehda eżebiti jirriżulta ċar li d-dokument li fih saru d-dikjarazzjonijiet mill-appellanti kien wieħed intiż li jiġi sottomess lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Dan jirriżulta kemm mid-dokumenti a fol 35 sa 38, iżda wkoll mix-xiehda ta' Francis Attard, Direttur tal-Kuntratti u d-dokumenti eżebiti minnu. M'hemmx dubju li d-Dipartiment tal-Kuntratti kien awtorita pubblika responsabbli minn proċessi bħal dawk li applikaw għalihom l-appellanti.

[7] Ara s-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizja vs. Carmelo Abdilla*** deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Victor Caruana Colombo.

30. Verament li finalment mill-proċess kollu kien ser igawdi l-*MCAST;* iżda dan ma jnaqqas xejn mill-forma pubblika ta kif sar il-proċess f'dan il-każ. Ġie suffiċjentement pruvat li l-proċess tmexxa mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Awtorita' pubblika, illi tibqa' ssegwi l-proċess kollu sa' l-aħħar tiegħu bl-involviment ukoll tal-*General Contracts Committee* (GCC) fejn il-kuntratt jiġi analizzat qabel jinħareġ u fejn finalment ukoll ikun hemm ukoll l-istadju tal-appell fl-eventwalita' jkun hemm min ikun tal-fehma illi hu ġie inġustament skreditat.

31. Dan ma kienx każ ta' xi sejħa privata għall-provvista ta' servizzi, u li setgħet kienet indipendenti minn kull entita' pubblika.

32. Konsegwentement l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud.

***Ikkunsidrat***

33. Illi kwantu għat-tieni aggravju, jiġifieri li l-appellanti ma għamlu ebda dikjarazzjonijiet foloz, din il-Qorti jidhrilha s-segwenti :

34. It-teżi ta' dikjarazzjonijiet foloz li hija l-bażi tal-azzjoni tal-Prosekuzzjoni tibbaża ruħha prinċipalment fuq id-dikjarazzjoni li saret da parti tal-appellanti dwar l-aċċessibilita' taċ-Ċentru tagħhom għal persuni b'diżabilta'. Minn hemmhekk imbagħad żvolġiet il-kumplament tal-investigazzjoni minn fejn irriżultaw ukoll allegazzjonijiet konċernanti n-numru tal-kmamar disponibbli

da parti tal-appellanti u li kienu mgħammra u awtorizzati tat-tagħlim li riedu jipprovdu u eventwalment ħarġet ukoll kwistjoni dwar id-daqs tal-bieb tal-lift imqabbel mad-daqs ta' *wheelchair*.

35.Illi għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni dwar l-aċċessibilta' fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ma jidhirx illi l-appellanti qegħdin jikkontestaw illi fi żmien mertu tas-sottomissjonijiet tagħhom huma kienu għadhom ma kellhomx rampa fissa installata. Dan il-punt joħroġ ċar mix-xhieda tal-appellant Stephen Casaletto innifsu, li jgħid ukoll mingħajr tlaqliq illi huma kellhom il-permess biex jinstallaw rampa iżda ma kellhomx biżżejjed żmien jagħmlu din l-installazzjoni fissa qabel is-sottomissjoni tagħhom. Jgħid ukoll illi dan kien kriterju ġdid li ma kienx japplika fis-snin ta' qabel meta l-appellanti kienu tefgħu l-offerta tagħhom li ntlaqat b'suċċess u mingħajr diffikulta'.

36.In oltre mix-xhieda tal-Pulizija illi marru fuq il-post jirriżulta wkoll illi l-fond ma kienx mgħammar b'bieb alternattiv li seta' jipprovdi dan l-aċċess. Imbagħad f'dak il-punt l-appellanti lanqas ma ssemmew xi rampi tal-injam temporanji li setgħu jagħmlu tajjeb sakemm ir-rampa fissa tiġi nstallata skond il-permess illi allegatament kellhom.

37.L-appellanti jikkontendu li t-tender kif magħmul ma kienx jispeċifika jekk dan ir-rekwiżit tar-rampa (fissa) kellu jkun sodisfatt fil-mument tal-applikazzjoni jew le.

38. Bid-dovut rispett, din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Qabel xejn kull applikazzjoni għal tender trid issir in buona fede, trid tkun veritjiera u trid tirrispondi għad-domandi tat-tender b'mod onest. Il-kriterji jew ir-rekwiżiti meħtieġa kellhom ikunu sodisfatti fil-mument tal-applikazzjoni u mhux fuq dak li jista' jinqala fil-futur.

39. Ir-rekwiżit fit-tender kien *Premises that are accessible for persons with disabilities* – ara fol 35 u 38. Dan ma kienx jgħid li dawn riedu jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita fil-futur jew fil-mument meta jkunu ser jibdew il-*lectures*. It-tifsira loġika u ordinarja ta' dan ir-rekwiżit huwa li l-bini ried ikun aċċessibbli għal persuni b'diżabbilita b'mod immedjat u fil-preżent. Il-konfigurazzjoni tal-binja f'dak il-mument ma kienetx tippermetti din l-aċċessibbilita. Id-dikjarazzjoni għalhekk ma kienetx veritjiera fil-mument meta saret. Dan peress li l-appellanti ddikjaraw illi kellhom din l-aċċessibbilta' mingħajr m'aċċennaw għall-fatt li huma f'dak l-istadju kellhom biss il-permess tal-ippjanar maħruġ, iżda li kien għadu mhux imwettaq. Bin-nuqqas ta' tali riżerva fil-mument li għamlu s-sottomissjoni tagħhom, huma kienu effettivament qed jagħmlu dikjarazzjoni falza.

40. Żgur li l-appellanti kellhom ix-xjenza rikjesta skond il-liġi għaliex huwa fatt inkontestat da parti tal-appellanti stess illi rampa ma kienetx għadha maħduma. Dak allegat minnhom dwar id-disponibbilta' ta rampa tal-injam ma ġiet issostanzjata b'ebda mod u ma rriżultat minn ħadd iktar mix-xhieda prodotti fil-mument meta kienet qed issir dik id-dikjarazzjoni.

41. Marbuta mal-kwistjoni tal-aċċessibbilta' hemm ukoll il-kwistjoni dwar il-lift. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ma ndikawx din il-kwistjoni. Iżda jirriżulta li din irriżultat mill-analiżi tal-provi li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati meta analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina magħquda wkoll mal-aċċenn għal din il-limitazzjoni li saret mix-xhud Ray Mangion. Mangion kien irrimarka dwar dan in-nuqqas maċ-*Chairman* tal-Bord qabel l-approvazzjoni tat-tenders in kwistjoni favur l-appellanti. Madankollu din l-osservazzjoni ta' Mangion jidher li ġiet injorata mill-Bord billi dan jidher li straħ interament fuq l-informazzjoni pprovduta lilu fis-sottomissjonijiet magħmula – pass xejn għaqli li kkontribwixxa wkoll għal kummenti avversi tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.[8]

42. Il-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati daħlet f'din il-kwistjoni minn jeddha ma jimporta ebda preġudizzju għall-partijiet in kwantu dawk il-konsiderazzjonijiet saru in bażi għall-provi prodotti fil-preżenza tal-partijiet debitament rappreżentati. Il-Qorti tal-Maġistrati ma għamlet ebda investigazzjoni jew '*fishing expedition*' sabiex timpinġi responsabbilta illi ma kinitx ċara jew ċerta jew li ma ħarġitx mill-provi. Bid-dovut rispett anzi kien jispetta lilha li tara jekk u safejn l-azzjoni kriminali għar-reat de quo kienetx integrata in bażi għall-provi kollha prodotti. Wara kollox huwa dmir ta' kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li tara u tassikura li toħroġ il-verita' kollha in bażi għall-provi prodotti. Il-Qorti tal-Maġistrati ma għamlet ebda

[8] Ara folio 95 et seq mill-atti proċesswali. Deposizzjoni datata l-25.11.09.

spekulazzjoni jew konġettura iżda bbażat il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet tagħha dwar dan il-punt in bażi għal provi ordinarji u tekniċi prodotti lilha.

43. Apparti minn hekk il-fatt li l-Perit Aquilina ibbaża ruħu fuq l-istandards nazzjonali rikjesti ma jnaqqasx xejn mill-validita' tagħhom peress illi dawn huwa l-linji gwida applikabbli li għandhom jiġu osservati u li evidentement, għal dak li jirrigwarda l-lift, ma jirriżultax li ġie osservat.

44. Jingħad għal kull buon fini illi skond l-istess rapport ingħad illi l-istruttura tal-lift ma setax jiġi alterat peress illi l-istruttura tal-bini kienet diġà eżistenti bil-lift installat diġà. B'hekk il-kwistjoni tal-aċċessibbilita ta' persuni b'diżabbilita tirriżulta li kienet aktar kompromessa u d-dikjarazzjoni magħmula fit-tenders in kwistjoni, tista wkoll titqies bħala dikjarazzjoni falza meta l-appellanti ddikjaraw b'mod ġeneriku illi kellhom l-aċċessibilta' meħtieġa għall-persuni b'diżabbilta' fiċ-Ċentru tagħhom.

45. Li ma kienx ċar f'dan il-każ kien jekk u safejn l-appellanti kellhom ix-xjenza dwar dan, peress illi mhux ċar jekk qatt kellhomx studenti illi jbagħtu b'diżabilta' u li kienu jinħtieġu l-użu ta' *wheelchair* qabel ma daħlu fis-seħħ dawn ir-rekwiżi ġodda. Biss jibqa' l-fatt li l-appellant ma setgħux jitfgħu għal saqajha mbagħad jaraw x'jiġri. Huma kienu tenuti li qabel ma jagħmlu dikjarazzjonijiet tagħhom jivverifikaw sewwasew il-posizzjoni tagħhom u l-konfigurazzjoni taċ-Ċentru tagħhom fir-rigward ta' kemm verament kien aċċessibbli

għal persuni b'diżabilita. Ma jidherx li, almenu sa' dak il-punt, tali verifiki kienu saru.

46. Anke jekk dwar dan il-punt tal-lifts, għall-grazzja tal-argument l-appellanti jingħataw il-benefiċċju tad-dubju, xorta jibqa' l-fatt li huma kellhom ix-xjenza meħtieġa għal dak li jirrigwarda l-installazzjoni tar-rampa li fil-mument tad-dikjarazjonijiet kienet għadha, ex admissis, ma saretx. Din hija biżżejjed sabiex l-akkuża tiġi legalment u raġonevolment meqjusa ippruvata.

47. Kwantu għal dak li jirrigwarda l-kmamar disponibbli għat-taħriġ rikjest, jirriżulta wkoll li skond it-*tender documents* sottomessi, l-appellanti indikaw f'kull waħda illi huma kellhom ħames PC labs u żewġ lecture style labs. Madankollu, kemm minn dak illi xehdu l-Pulizija li marru fuq il-post biex jispezzjonaw is-sit ai fini tal-aċċessibbilta' tal-istess skond l-allegazzjonijiet magħmula[9] kif ukoll mid-deposizzjonijiet ta' Ray Mangion u ta' Peter Camilleri li kienu marru fuq il-post f'xi żmien, ġie indikat illi kien hemm erba' klassijiet b'kollox.[10]

48. Verament li l-Pulizija qalu wkoll li kien hemm xi klassijiet oħra fl-appartamenti 11 u 12. Biss irriżulta li dawn ma kellhomx il-permess sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-fini ta' tagħlim, minkejja li kienet saret talba f'dan is-sens mill-appellanti anki matul il-kors ta' dawn il-proċeduri.[11]

---

[9] PS474 Norbert Said (folio 65) u PC569 Anthony Cassar (folio 71).
[10] Ara x-xhieda ta' Peter Camilleri a folio 125 tal-atti proċesswali u datata t-28.4.10 u dik a folio 135 u datata d-9.7.10.
[11] Ara x-xhieda ta' Oliver Magro a folio 170 u datat it-28.3.14 u dik a folio 204 u datata t-28.10.15.

49. Stephen Casaletto qal illi huma kienu ddikjaraw numru differenti ta' kmamar peress illi ħadu qies tal-kapaċita kollha li kellhom fil-binja tagħhom. Biss din il-Qorti fehmet ukoll li xi uffiċini ma kienux mgħammra għall-fini ta' l-istħarriġ meħtieġ. Dan qed jingħad b'referenza wkoll għar-ritratti li ġew eżebiti mill-Pulizija li marru fuq il-post a tempo verġine, fejn huwa evidenti liema huma l-kmamar intiżi għal dan l-iskop.

50. Issa b'referenza għall-kriterju meħtieġ f'dan is-sens u senjatament b'referenza għal Dok AG2 folio 38 tal-atti proċesswali, taħt is-sub-titolu '*Physical Capacity*' li jaqa taħt it-titolu '*Strategy*' dan jinqara kif ġej:

> Number of classes that will be made available during the period September to July on a yearly basis for the coming year (Mondays to Fridays from 8:30am to 4:30pm) for the delivery of tuition to MCAST students:

fejn l-appellanti wieġbu, *5 PC labs and 2 lecture style labs*.

51. Illi m'hemmx dubbju li fiż-żmien li saru s-sottomissjonijiet tal-appellanti, dawn il-kmamar 'żejda' ma kienux mgħammra ai fini ta' *tuition;* biss din id-darba d-diċitura tal-kriterju *that will be made available* u tar-risposta għaliha, mhux neċessarjament iwasslu għal dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward. F'dan il-każ l-essenzjali kien li l-kmamar ikunu hekk ipprovduti fi żmien li jibda t-taħriġ - li kien jiġi fi żmien wara li saru t-tweġibiet fuq id-dokumenti tat-tender.

52. L-appellanti anke hawnhekk jidhru ħadu r-riskju u għamlu dikjarazzjoni fil-futur meta huma kienu għadhom ma humiex ċerti

jekk hux ser ikollhom il-permess amministrattiv fuq il-kmamar kollha. U mbagħad kienu baqgħu bla permess dwarhom.

53. Huwa minnu li skont id-dokument a fol 35 u 38 ried ikollhom *MEPA valid permit for the purposes of tuition*, u dan kellhom. Iżda ma jirriżultax li dan kien ikopri l-ambjenti kollha imsemmija minnhom. U l-MEPA valid permit jittratta aspett ta' ippjanar relatat ma tuition – ċjoe mal-użu u mhux aspett tal-kapaċita akkademika tagħhom.

54. Din il-Qorti jidhirlha li, in bażi għall-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fl-appellanti għar-reat addebitat lilhom.

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Buġeja***
***Imħallef***